Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Laqgha Numru 08/K7/2015**

**Introduzzjoni**

It-Tminn Laqgha tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2015 li saret nhar it-Tlieta 23 ta' Gunju 2015.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30pm.

Prezenti: Is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon, Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, il-Kunsillier Charles Cesare, l-Ambaxxatur ghaz-Zghazagh Kurt Mizzi ***(li wasal fis-7:20pm)*** u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

**Il-Kunsillier Mark Causon kien skuzat. (Ara dok. 1)**

Ghal-laqgha kien hemm il-prezenza tal-pubbliku.

Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-laqgha kienet qed tigi streamed online. Il-kelliem irrakkomanda lill-Kunsill biex issir minuta silenzju b'rispett ghat-telfa ta' l-ex Kunsillier Gerald V. Bilocca.

Is-Sindku Dean Hili ssospenda l-agenda biex issir Minuta silenzju bhala rispett.

Is-Sindku Dean Hili qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fis-17 ta' Gunju 2015. L-Agenda kienet:

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 07/K7/2015.**
2. **Punti li johorgu mill-Minuti 07/K7/2015.**
3. **Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
4. **Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
5. **Mistoqsijiet.**
6. **Korrispondenza.**
7. **Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
8. **Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
9. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
10. **Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 07/K7/2015.

1.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 07/K7/2015 kif pprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.



PEMBROKE

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 07/K7/2015.

2.01. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-Minuti 07/K7/2015 fejn irrimarka li ma kienx hemm punti pendenti li jehtiegu decizjonijiet ulterjuri.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 008-2015** - Lista ta' laqghat li saru 07/K7/15 u 08/K7/15 **(Ara Dok. 2)**

3.02. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-works orders mahruga bejn laqgha u ohra fejn ippropona r-ratifikazzjoni taghhom, liema works orders inhargu skond l-esigenzi li kellu l-Kunsill.

| Works | Order | Data | Kumpanija | Xoghol |
|---|---|---|---|---|
| 89 | 2015 | 22/05/2015 | Mica Med Ltd | Tlabna sabiex tissewwa bozza tixghel u titfi fi Triq il-Fortizza bin-numru W043 mal-faccata ta' dar numru 2. |
| 90 | 2015 | 22/05/2015 | Sandro Vella | Ordni ta' siggijiet ghas-serata ta' Jum Pembroke. |
| 91 | 2015 | 26/05/2015 | Mica Med Ltd | Tlabna sabiex tissewwa bozza fi Triq F.X Caruana kantuniera ma' Triq ANZAC bin-numru W098. |
| 92 | 2015 | 27/05/2015 | Dipartment ghall-Gvern Lokali | Tlabna sabiex jidher avviz fuq il-gazetta dwar Quote 1/2015. |
| 93 | 2015 | 27/05/2015 | DOI | Tlabna sabiex jidher avviz fuq il-gazzetta dwar Quote 1/2015. |
| 94 | 2015 | 28/05/2015 | J & K Contractors | Tlabna sabiex jigu rrangati diversi cnut u planters mal-lokal. |
| 95 | 2015 | 28/05/2015 | B. Grima and Sons | Tlabna sabiex jigu rrangati diversi tabelli li hawn fil-lokal. |
| 96 | 2015 | 01/06/2015 | F. Zammit Nurseries | Bukket fjuri ghall-familja Aghil. |
| 97 | 2015 | 01/06/2015 | Mica Med Ltd | Tlabna sabiex isir ix-xoghol addizzjonali fiz-zona ta' landscaping ta' Sit A Blokki 5 sa 11 Triq Pietru D'Armenia. |
| 98 | 2015 | 02/06/2015 | Maltapost plc | Tqassim ta' Fuljett bieb bieb - Attivita ghal Jum il-Missier. |
| 99 | 2015 | 02/06/2015 | Il-Barri | Infurmajnih li ser tkun organizzata l-ikla ghal Jum il-Missier ghall-prezz ta' €18.50 il-persuna. |
| 100 | 2015 | 04/06/2015 | Marindex | Jum Pembroke mementos. |
| 101 | 2015 | 03/06/2015 | B. Grima and Sons | Tlabna sabiex jissupplixxi tabella sabiex titwahhal fuq il-bajja. |
| 102 | 2015 | 11/06/2015 | MIB Ltd. | Tlabna sabiex il-polza ta' l-assigurazzjoni li ghandu l-Kunsill mal-kumpanija tiegħek tkun estiża mill-1 ta' Lulju 2015 sa l-ahhar ta' Settembru 2015. |
| 103 | 2015 | 11/06/2015 | F. Zammit Nurseries | Kuruna tal-fjuri ghall-funeral tas-sur Gerald Bilocca. |
| 104 | 2015 | 15/06/2015 | Mica Med | Tlabna sabiex isewwi globu li hemm fil-gnien 4 ta' Lulju u sabiex jirranga cover fi Triq il-Mediterran. |
| 105 | 2015 | 15/06/2015 | TCTC | Ikids 2015 course. |
| 106 | 2015 | 15/06/2015 | Paramount Coaches | 18 seater minn Pembroke ghall-Imgarr u lura. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 107 | 2015 | 15/06/2015 | Print Art | Printing ta' 1200 leaflet ta' Jum Pembroke bil-kulur u double sided. |
| 108 | 2015 | 18/06/2015 | Marindex | 100 midalja ghall-fun run ta' Jum Pembroke. |
| 109 | 2015 | 18/06/2015 | Koptasin | Tlabna tinzebagh Junction Box u Keep Clear fuq wara ta' l-iskola STC off Triq Giorgio Mitrovich fejn ir-rampa li tintuza minn persuni bi bzonnijiet specjali. |
| 110 | 2015 | 18/06/2015 | Mica Med | Tlabna sabiex tissewwa l-ahhar bozza li hemm fi Triq F.X Caruana li tigi kantuniera ma' Triq Giorgio Mitrovich bin-numru W094. |
| 111 | 2015 | 19/06/2015 | Mica Med | Tlabna sabiex jinbidel il-globu li hemm imkisser fil-Ġnien 4 ta' Lulju. |
| 112 | 2015 | 19/06/2015 | Premiere Post | Tlabna sabiex jitqassam fuljett fid-djar ta' Pembroke dwar Jum Pembroke. |

3.03. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

3.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati hawn fuq.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Dean Hili ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn l-20 ta' Mejju u t-23 ta' Gunju 2015 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

| | |
|---|---|
| **46/2033/15/O**<br>**22/05/2015** | Email li l-Kunsill baghat lil diversi kumpaniji tal-kotba fejn gew mitluba jipprovdu stima ghall-provvista ta' kotba kif issuggerit mil-librara Lara Calleja. |
| **46/2133/15/I**<br>**25/05/2015** | Kwotazzjoni minghand BDL ghall-lista ta' kotba li baghat il-Kunsill. |
| **46/2243/15/I**<br>**01/06/2015** | Kwotazzjoni minghand il-Merlin Library ghall-lista ta' kotba mitluba. |
| **46/2261/15/I**<br>**02/06/2015** | Kwotazzjoni minghand Miller ghall-lista ta' kotba mitluba mill-Kunsill. |
| **46/2382/15/I**<br>**09/06/2015** | Email minghand Island Books fejn informat lill-Kunsill li hija ghalqet il-hanut. |

6.02. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/2033/15/O, 46/2133/15/I, 46/2243/15/I, 46/2261/15/I u 46/2382/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ghandu jimxi skond l-iskedi tal-prezzijiet u jintghazlu l-orhos offerti skond il-kwotazzjonijiet sottomessi.

6.03. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2093/15/I** **22/05/2015** — Kwotazzjoni minghand Wonkas Celebrations ghall-prezz ta' €330.00 ghall-kiri ta' bouncing castle u water zorbing ghal Jum Pembroke.

6.05. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2093/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japprova din l-offerta.

6.06. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2107/15/O** **22/05/2015** — Email lill-membri tal-Kunsill fejn b'referenza ghall-attivita' ta' Jum il-Missier gew infurmata li sar komunikat ma' numru ta' hwienet sabiex jipprovdu stima lill-Kunsill.

**46/2122/15/I** **23/05/2015** — Kwotazzjoni minghand il-Barri Restaurant ta' €18.50 ghal kull persuna ghall-ikla ghal Jum il-Missier.

**46/2173/15/I** **27/05/2015** — Kwotazzjonijiet minghand ta' l-Ingliz - Menu A ta' €17.00 u Menu B ta' €23 ghall-ikla ghal Jum il-Missier.

**46/2238/15/I** **01/06/2015** — Kwotazzjoni minghand il-United Bar ghall-attivita' ta' Jum il-Missier.

**46/2239/15/I** **01/06/2015** — Kwotazzjoni minghand Charles Bar ghall-attivita' ta' Jum il-Missier.

**46/2181/15/O** **27/05/2015** — Email li ntbghatet lill-Membri tal-Kunsill b'rendikont tal-kwotazzjonijiet li ngabru ghall-attivita' ta' Jum il-Missier fejn intalbu l-kummenti taghhom sabiex jigi ppreparat il-poster.

6.08. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/2107/15/O, 46/2122/15/I, 46/2173/15/I, 46/2238/15/I, 46/2239/15/I u 46/2181/15/O** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jirratifika d-decizjoni mehuda li tintghazel l-offerta tal-Barri Restaurant.

6.09. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2160/15/I** **26/05/2015** — Email minghand Active Ent. fejn talab il-permess tal-Kunsill biex fi Triq Sant'Andrija vicin il-Ground tal-Luxol jinstalla bejn 8-10 advertising panels u bejn kull panel jaghmel pots bil-fjuri.

**46/2202/15/I** **28/05/2015** — Email minghand Active Ent. fejn informa lill-Kunsill li jaccettaw li jaghmlu panels ukoll fid-dahla ta' Pembroke u l-hlas tal-kirja jithallas minnaha taghhom biss jekk ikun hemm reklam fuqhom.

6.11. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/2160/15/I u 46/2202/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japprova din it-talba abbazi tal-proposta li saret jigifieri li Active Ent. jipprovdu l-Ubars u l-planters u l-hlas tal-kirja lill-Kunsill issir minn meta jinbieghu r-reklami. Il-kelliem ippropona wkoll li z-zamma tal-planters ghandha tkun fir-responsabilita' ta' Active Ent.

6.12. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2187/15/I** **28/05/2015** — Petizzjoni migbura mis-sur Ivan Saliba u ffirmata mir-residenti ta' Blk 2 fi Triq il-President Anton Buttigieg fejn jiddikjaraw li ma jsibux oggezzjoni li titnehha parti mill-planter li hemm sabiex ikun jista' jipparkja l-camper.

6.14. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2187/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li ladarba r-residenti tal-madwar ma sabux oggezzjoni, il-Kunsill ghandu jaqbel li

parti mill-planter tigi modifikata u titnehha mill-kuntrattur tal-Kunsill kif ukoll li s-sur Saliba jigi mitlub jiffirma dikjarazzjoni li l-parkegg m'huwiex esklussiv ghall-uzu tieghu izda kulhadd huwa liberu li jipparkja fih.

6.15. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.16. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon u l-Kunsillier Charles Cesare vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

6.17. Il-mozzjoni ghaddiet.

6.18. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li kienet ivvutat kontra peress li hija ta' l-opinjoni li jekk ghandu jsir intervent ghandhom jitnehhew il-planters kollha peress li dak li ser isir ser ikun estetikament ikrah.

**46/2220/15/I**
**29/05/2015**
Email minghand GO fejn informaw lill-Kunsill li wara li kien osservat li telephone boxes ta' Triq l-Isqof A. Portelli, l-Imhallef W. Harding u Triq Alamein ftit li xejn qed jintuzaw, u ghalhekk il-kumpanija ghandha l-hsieb li jinqalghu.

6.19. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2220/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li peress li l-istrutturi huma ta' kumpanija privata, il-Kunsill ma jistax isib oggezzjoni ghalkemm il-Kunsill qed jirrakkomanda lill-kumpanija biex ta' l-anqas tikkunsidra biex tithalla wahda fil-lokal, idejalment f'post centrali fil-lokal.

6.20. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2264/15/I**
**02/06/2015**
Email minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn informat lill-Kunsill li kellha hafna lmenti dwar tfal jigru fil-bajja, karozzi pparkjata fuq l-haxix, BBQ's u kkampjar u staqsiet jekk il-Pulizija kienux infurmata b'dan.

6.22. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2264/15/I** is-Sindku Dean Hili rrimarka li l-Pulizija kienu nformati b'dan permezz ta' diversi emails, telefonati u laqghat. Il-kelliem zied li personalment hass li ma kienx hemm *commitment* li jixraq lis-sit sforz anke bil-limitazzjonijiet tal-Ghassa ta' San Giljan u kien ghalhekk ukoll li talab laqgha fil-prezenza tal-AO inkarigat mill-enforcement fir-Regjun Tramuntana, Nature Trust, rapprezentanti tal-MEPA u ohrajn tal-MTA fejn sfortunatament il-pulizija naqsu li jattendu. Il-kelliem sostna li hemm bzonn li titkompla l-pressjoni u jsiru rapporti opportuni minn kull min jinnota x'illegalitajiet minnufih. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jikteb lill-Ministru Carmelo Abela fejn jintalab l-intervent tieghu biex jizdied il-patrol fil-lokal kif ukoll jizdiedu l-ammont ta' Pulizija fl-Ghassa ta' San Giljan, dan peress li skond is-Supt. Raymond D'Anastas u l-Ispettur Elton Taliana, fl-Ghassa ta' San Giljan hemm nuqqas ta' vetturi kif ukoll nuqqas ta' Pulizija u ghalhekk qed ikun difficli li jsir il-patrol f'Pembroke.

6.23. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.25. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill ghandu joggezzjona mad-Dipartiment koncernat li l-klieb m'ghandhomx jithallew fuq il-blat fejn il-bajja ta' Pembroke minhabba li qed ikunu t'inkonvenjent.

6.26. Is-Sindku Dean Hili ssekonda bil-kundizzjoni li tali talba tkun fil-parametri tal-Ligi u li m'hemmx xi ligi ohra li tmur kontra dak propost.

6.27. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2269/15/I** **02/06/2015** Email minghand Glorianne Grima fejn b'referenza ghall-kors ta' cake decorating informat lill-Kunsill li l-kors ikun fih 12-il student u l-hlas huwa ta' €47.00 ghal kull persuna, li jinkludi 10 lezzjonijiet ta' tlett sieghat il-wahda.

6.28. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2269/15/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghal din it-talba sakemmm dan il-kors isir waqt il-hinijiet ta' l-ufficcju.

6.29. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.30. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2329/15/I** **04/06/2015** Email minghand Systec Ltd fejn informaw lill-Kunsill li l-linka tal-fax kienet qed tillikja kif ukoll li hemm hsara fil-printhead taghha li ma tistax tinbidel.

**46/2466/15/I** **12/06/2015** Kwotazzjoni minghand l-A to Z Eletronics ghal fax machine (laser) ghall-prezz ta' €209.95 inkluz il-VAT.

**46/2467/15/I** **12/06/2015** Kwotazzjoni minghand l-Intercomp ghal fax machine ghall-prezz ta' €85 eskluz il-VAT.

6.31. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/2329/15/I, 46/2466/15/I u 46/2467/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japprova li tintghazel l-irhas offerta.

6.32. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.33. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Dean Hili u l-Vici Sindku Raymond Lanzon ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Charles Cesare vvutaw kontra.

6.34. Il-mozzjoni giet tnejn favur u tnejn kontra u ghalhekk is-Sindku Dean Hili kellu l-fakulta' tal-casting vote.

6.35. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku Dean Hili rrimarka li ma jarax li ghandu jaghmel uzu mill-casting vote ghall-kaz bhal dan u ghalhekk talab biex qabel tittiehed decizjoni finali l-Kunsill ghandu jikkonferma mad-DGL jekk il-Kunsill huwiex obbligat li jkollu fax machine u ghalhekk astjena mill-casting vote.

**46/2403/15/I** **10/06/2015** Email minghand is-Sindku fejn informa lill-Kunsill li kellu talba minghand resident sabiex il-bajja tkun accessibbli ghall-persuni b'dizabilita' u rrakkomanda forsi ssir xi rampa zghira fejn hemm it-tarag u jitwessa' parti mill-passagg u ssuggerixxa li nitkellmu mal-kuntrattur ghal xi soluzzjoni.

**46/2411/15/I** **10/06/2015** Email mis-Segretarjat ghall-persuni b'Dizabilita' fejn informaw lill-Kunsill bil-kompetizzjoni ta' l-A+ Accessibility Award 2015 u baghtu l-formola tal-applikazzjoni.

6.36. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/2403/15/I u 46/2411/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li jitqabbad il-Perit tal-Kunsill sabiex jigi mfassal disinn u applikazzjoni ghal dan l-iskop. Il-kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill jissottometti l-bini ta' bankini godda fi Triq Mandalay u Triq Burma ghall-istess Awards.

6.37. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.38. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2420/15/I** **10/06/2015** Email minghand is-sur Raphael Carabott fejn informa lill-Kunsill li fil-Gnien 4 ta' Lulju hemm globu mkisser.

6.39. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2420/15/I** il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li jinxtraw numru ta' globi u jissewwa dak li hemm.

6.40. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.41. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2421/15/I** **10/06/2015** Email minghand is-sur Raphael Carabott fejn informa lill-Kunsill li mill-planter ta' Triq Ruzar Briffa ma' Triq Camillo Sceberras kien innutat li hemm sitt sigriet nieqsa wara li kienu mhawwla ricentament.

**46/2441/15/I** **11/06/2015** Email minghand is-sur Raphael Carabott fejn b'referenza ghall-email precedenti tieghu dwar sigar nieqsa nforma lill-Kunsill li s-sigar sfaw neqsin bejn is-Sibt 6 u t-Tlieta 9 ta' Gunju.

6.42. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/2421/15/I u 46/2441/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ghandu jerga' jhawwel is-sigar li nsterqu.

6.43. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.44. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.45. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill johrog press release jikkundanna dan l-agir.

6.46. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.47. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2468/15/I** **12/06/2015** Kwotazzjoni minghand Abbey ghall-printing ta' 1,200 A4 flyer bil-kulur ghall-prezz ta' €195 u 25 poster A3 ghall-prezz ta' €20. Prezzijiet eskluz il-VAT.

**46/2470/15/I** **12/06/2015** Kwotazzjoni minghand Print Art ghall-printing ta' 1,200 A4 flyer bil-kulur ghall-prezz ta' €140 u 50 poster A3 ghall-prezz ta' €70. Prezzijiet eskluz il-VAT.

6.48. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/2468/15/I u 46/2470/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li tigi ratifikata d-decizjoni mehuda skond l-orhos offerta.

6.49. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.50. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2505/15/O** **16/06/2015** Email mibghuta lill-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn b'referenza ghall-email taghha dwar l-allegat kaz ta' valenu ta' grieden giet infurmata li ma sarx rapport l-Ghassa minhabba li r-resident li kien ghamel l-ilment kien ra biss trab abjad fuq l-bankina u ma xtaqx jidher mal-Pulizija, kif ukoll minhabba li meta gie vverifkat mal-persuna koncernata, il-Kunsill gie nfurmat li trab kien gir u mhux valenu u li kien ser jitnehha.

6.51. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2505/15/O** is-Sindku Dean Hili talab il-kummenti tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat.

6.52. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat oggezzjonat li meta membri tal-Kunsill iresqu lmenti lill-Kunsill dwar x'irregolaritajiet, dawn ghandhom jintbghatu f'isem il-Kunsill u l-identita' tal-membri tal-Kunsill m'ghandhiex tigi mikxufa. Irrimarkat ukoll li l-Kunsill ghandu jibqa' jinsisti li jsiru speed cameras fi Triq il-Mediterran.

6.53. Is-Sindku Dean Hili rrimarka li jekk isir rapport minghajr informazzjoni dwar min ikun ra l-fatt isehh, il-Pulizija ma tkunx tista' tipprocedi bil-Qorti. Dwar l-speed cameras, il-kelliem informa lill-Kunsill li dan is-suggett kien rega' gabu ghall-attenzjoni tar-Regjun fl-ahhar laqgha li saret, liema talba, s'issa ghada pendenti.

**46/2517/15/I** 17/06/2015 — Email minghand l-NNG Promotions fejn talab ittra minghand l-Kunsill li ma jsibx oggezzjoni li jsir il-kuncert minn Joseph Calleja nhar it-3 ta' Awwissu 2015 gewwa l-Ex Parade Ground.

6.54. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2517/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jiltaqa' ma' l-organizzaturi.

6.55. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.56. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2550/15/I** 18/06/2015 — Sentenza minghand il-Bord ta' l-Appell vis-a-vis it-tender ta' l-assigurazzjoni fejn il-Kunsill inghata ragun li l-offerti setghu kollha jigu rifjutata.

6.57. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2550/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li fid-dawl tas-sentenza li nghatat, fil-gimghat li gejja ghandu jinbeda l-process biex jinhargu offerti godda.

6.58. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.59. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES, Kumitat Regjonali u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-membri tal-Kunsill ghall-Minuti tal-laqghat ta' dawn il-kumitati.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01 Is-Sindku Dean Hili rringrazzja lil dawk ir-residenti l'attendew ghall-attivita' ta' Jum il-Missier.

## 09. Approvazzjoni tal-kontijiet.

9.01. Is-Sindku Dean Hili pprezenta l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Ara Dok. 3, 4, 5 u 6)**

9.02. Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ipprezentati, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentata.

9.03. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

9.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Materji ohra.

10.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrakkomanda lill-Kunsill, li l-Kunsill ghandu jressaq talba lill-Ministeru ghall-Familja u Solidarjeta' Socjali, biex id-dar fejn kien joqghod l-ex Kunsillier Gerald Bilocca, tibqa' mfakkra wara ismu ladarba l-Gvern kien habbar li din ser issir dar ghall-persuini bi bzonnijiet specjali.

10.02. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

10.03. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

***10.05. L-Ambaxxatur Lokali ghaz-Zghazagh Kurt Mizzi wasal fis-7:20pm.***

10.06. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li hemm xi bollards li jixghelu fi Triq il-Profs Walter Ganado li kienu miksura.

10.07. Il-Kunsillier Charles Cesare ppropona li minflok bollards jixghelu, ladarba ma jibqghux jahdmu, ghandhom isiru tabelli li jirriflettu kif ukoll zebgha li tirrifletti.

10.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.10. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-ilmenti li rcieva dwar katina li qed tostakola parkegg biswit Blk 7 Triq l-Imhallef William Harding. Wara diskussjoni li saret, il-kelliem ippropona li l-Kunsill jiltaqa' ma' min ghamel din il-katina, li jirrizulta l'ilha hemm madwar 20-25 sena.

10.11. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.13. Is-Sindku Dean Hili ppropona li s-servizz tal-Cash Collection ghandu jiggedded sakemm jintemm il-process ta' l-offerti li nhargu godda ladarba l-kumpanija ma qablitx li l-perjodu jiggedded ghal sena ohra.

10.14. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.16. Is-Sindku Dean Hili rrimarka li l-Kunsill ircieva lment minghand resident dwar nkonvenjent minn muzika amplifikata minn kumplessi fil-Bajja ta' San Gorg, San Giljan. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill ilaqqa' r-residenti ta' Triq l-Imhallef William Harding u Triq il-Profs Walter Ganado.

10.17. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.19. Il-Kunsillier Charles Cesare rrakkomanda l'issir laqgha mas-sur Fino dwar il-problema tal-parkegg u t-trabijiet li hemm biswit l-iskola l-gdida ta' St. Michael's.

10.20. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li (1) **Tender 01/2013** - Provision of Legal Consultant Services ser jiskadi fil-31/08/2015 u jista' jiggedded b'sena ohra; (2) **Tender 08/2013** - Weeding, Sweeping and Cleaning of Urban Roads ser jiskadi fit-18/08/2015 u jista' jiggedded b'sena ohra; (3) **Tender 09/2013** - Weeding, Sweeping and Cleaning of Non Urban Roads ser jiskadi fit-18/08/2015 u jista' jiggedded b'sena ohra, u (4) **Tender 10/2013** - Cleaning, Clearing and Grass Cutting of Soft Areas ser jiskadi fit-18/08/2015 u jista' jiggedded b'sena ohra.

10.21. Fid-dawl ta' dan inkluz li l-Kunsill huwa sodisfatt bix-xoghol li qed isir, is-Sindku Dean Hili ppropona li **Tenders 01/2013, 08/2013, 09/2013 u 10/2013**, dejjem jekk il-kuntratturi jaqblu, ghandhom jigu mgedda bil-perjodu ta' sena ohra kif jindika l-kuntratt.

10.22. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.24. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-hajt li hemm fi Triq Tunis faccata tat-tennis courts rega' gie milqut minn xi vettura.

10.25. Wara diskussjoni li kien hemm, gie deciz unanimament li sakemm ma jkunx ta' xi periklu kbir, dan il-hajt ghandu jigi rrangat ladarba jitlesta x-xoghol fis-sit li hemm biswit it-tennis courts.

10.26. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li tigi rrangata l-kantuniera tal-bankina li hemm fi Triq Falaise ma' Triq Sant'Andrija.

10.27. Is-Sindku Dean Hili ghalaq il-laqgha fit-8:00pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 21 ta' Lulju 2015 fil-5.30pm.

Avv. Dean Hili
*Sindku*

21/7/15
Kevin Borg
*Segretarju Ezekuttiv*

Dok 1

## Pembroke Local Council at DLG

| | |
|---|---|
| **From:** | mark causon <causonmark@hotmail.com> |
| **Sent:** | 25 June 2015 17:06 |
| **To:** | Pembroke Local Council at DLG |
| **Subject:** | RE: Ezentazzjoni mill-laqgha tal-Kunsill |

Dear Kevin
As per our what's up and telephone conversation, I would like to confirm that I would like to be excused from last Tuesdays council meeting since I had to stay late at work and could not possibly make it for the meeting.
regards

***Dr Mark Causon***
***Research Director***
***Genista Research Foundation Malta***
***77, Triq il-Bufula l-Hamra***
***Mosta,***
***MST 1002***
***Malta***
***Tel: 0035679232635/ + 356 21419598***
***causonmark@hotmail.com***
http://genista-research-foundation.aidengine.net/

---

**From:** Borg Kevin at DLG [mailto:kevin.a.borg@gov.mt] **On Behalf Of** Pembroke Local Council at DLG
**Sent:** 25 June 2015 16:46
**To:** Causon Mark at MSDEC-PARK; 'mark causon'
**Subject:** Ezentazzjoni mill-laqgha tal-Kunsill
**Importance:** High

Għażiż Kunsillier Mark Causon,

B'referenza għall-messaġġ tiegħek fuq watts up waqt l-aħħar laqgħa tal-Kunsill fejn infurmajtni li kont għadek xogħol, liema messaġġ indunajt bih wara li ntemmet il-laqgħa tal-Kunsill, kif ukoll referenza għall-kommunikat li kelli miegħek l-għada permezz tat-tel, ġentilment nixtieq ninfurmak li għad qed nistenna mingħandek email fejn titlob li tkun skużat milli tattendi għall-laqgħa msemmija.

Grazzi u tislijiet,

***Kevin Borg***
***Segretarju Eżekuttiv***

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776.
Malta

Tel : +356 2137 2111
Fax : +356 2137 2555
Mob : +356 7937 2111
Email : pembroke.lc@gov.mt
Web Site : www.pembroke.gov.mt

Kunsill Lokali
Pembroke
25 JUN 2015
46/2685/15/F

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 2.

**Internal Memo Riferenza 08/2015** **23 ta' Gunju 2015**

# Laqgħat li saru bejn il-Laqgħa 07/K7/15 u 08/K7/15

| Data | Suggett | Post | Min attenda |
|---|---|---|---|
| 19/05/2015 | Laqgha tal-Kunsill 07/K7/2015 | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Mark Causon<br>Charles Cesare<br>Kevin Borg |
| 21/05/2015 | Laqgha ma' Leisure Animation dwar Jum Pembroke 2015 | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Kevin Borg |
| 22/05/2015 | Laqgha mal-Contracts Manager u ma' Chris Galea | Kunsill Lokali Pembroke | Kevin Borg |
| 26/05/2015 | Laqgha mal-MEPA dwar is-sit Natura 2000 Panel – Pembroke | Hexagon House Boardroom | Kevin Borg |
| 28/05/2015 | Site Inspection mal-Housing Authority dwar id-dawl il-gdid li sar f'Sit A5 to A11 | Site Inspection | Kevin Borg |
| 29/05/2015 | Invit ghall-Price Day tal-Verdala International School | Verdala School | Dean Hili |

PEMBROKE

| | | | |
|---|---|---|---|
| 02/06/2015 | Laqgha mad- Dipartiment ghall-Gven Lokali dwar l-Emendi għall-Konfini tal-Lokal | Dipartiment ghall-Gven Lokali | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 04/06/2015 | Seminar organizzat mill-NCPE - Promoting Equality, Managing Diversity | Le Meridien | Kevin Borg |
| 04/06/2015 | Laqgha mas-Supretendent Raymond D'Anastas | Ghassa San Giljan | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 11/06/2015 | Laqgha mal-MEPA, MTA u entitajiet ohra dwar is-sit tan-Natura 2000 | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 11/06/2015 | Laqgha informattiva dwar arti fi spazji pubbliċi | Ministeru għat-Trasport | Dean Hili |
| 17/06/2015 | Kawza tal-Kunsill vs l-Awtorita ghall-Ambjent u l-Ippjanar (in kawza tal-Pembroke Racket Tennis Club) | Qorti | Kevin Borg |
| 22/06/2015 | Laqgha mas-sur Antoine Camilleri dwar proposti li ghandu dwar arti fi spazzji pubblici | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Kevin Borg |
| 22/06/2015 | Laqgha ma' l-EFL Monitoring Board - (Foreign students in Pembroke during Summer) | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Kevin Borg |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

---

**Kunsill Lokali: Pembroke**

**Skeda Nru 22 /2015**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti
**Data: 20/05/2015 sa 23/06/2015**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 357 | Staff Salary | €3,992.34 | €3,992.34 | D | | Salary - May 2015 | 29/05/15 | na | | | 1200 | 12061/63/64 |
| 358 | Staff Overtime | €213.60 | €213.60 | D | | Overttime - May 2015 | 29/05/15 | na | | | 1700 | 12063/64 |
| 359 | Mayor Allowance | €470.36 | €470.36 | D | | Honoraria - May 2015 | 29/05/15 | na | | | 1100 | 12062 |
| 360 | CIR | €117.00 | €117.00 | D | | Mayor IT - May 2015 | 29/05/15 | na | | | 1100 | 12065 |
| 361 | CIR | €921.57 | €921.57 | D | | Employee NI + IT - May 2015 | 29/05/15 | na | | | 1200 | |
| 362 | CIR | €431.57 | €431.57 | D | | Employer NI - May 2015 | 29/05/15 | na | | | 1500 | |
| 363 | HSBC Net | €10.00 | €10.00 | D | | HSBC net - May internet banking facility | 09/05/15 | na | | | 3035 | |
| 364 | DOI | €9.32 | €9.32 | D | | Advert re quote 01/2015 | 29/05/15 | na | | 93/2015 | 2940 | 12066 |
| 365 | DLG | €45.00 | €45.00 | D | | Advert re quote 01/2015 | 29/05/15 | na | | 92/2015 | 2940 | 12067 |
| 366 | Self | €92.41 | €92.41 | D | | May petty cash | 29/05/15 | na | | | | 12068 |
| 367 | HSBC Net | €10.00 | €10.00 | D | | HSBC net - Jun internet banking facility | 06/06/15 | na | | | 3035 | |
| 368 | B. Grima & Sons. Ltd. | €180.95 | €140.95 | T | INV | Maintenance of various traffic signs | 03/06/15 | 10005017 | | 59/2015 | 2313 | |
| 369 | B. Grima & Sons. Ltd. | €64.28 | €44.29 | T | INV | Maintenance of various traffic signs | 03/06/15 | 10005017 | | 66/2015 | 2313 | |
| 370 | B. Grima & Sons. Ltd. | €7.14 | €7.14 | T | INV | Maintenance of various traffic signs | 03/06/15 | 10005017 | | 19/2015 | 2313 | |
| 371 | B. Grima & Sons. Ltd. | €35.23 | €35.24 | T | INV | Maintenance of various traffic signs | 03/06/15 | 10005017 | | 22/2015 | 2313 | |
| 372 | B. Grima & Sons. Ltd. | €496.19 | €474.76 | T | INV | Maintenance of various traffic signs | 03/06/15 | 10005017 | | 44/2015 | 2313 | |
| 373 | B. Grima & Sons. Ltd. | €136.19 | €136.19 | T | INV | Maintenance of various traffic signs | 03/06/15 | 10005017 | | 68/2015 | 2313 | |
| 374 | B. Grima & Sons. Ltd. | €148.57 | €148.57 | T | INV | Maintenance of various traffic signs | 03/06/15 | 10005017 | | 68/2015 | 2313 | |
| 375 | B. Grima & Sons. Ltd. | €189.04 | €189.04 | T | INV | Maintenance of various traffic signs | 03/06/15 | 10005017 | | 68/2015 | 2313 | |
| 376 | B. Grima & Sons. Ltd. | €178.57 | €178.57 | T | INV | Maintenance of various traffic signs | 03/06/15 | 10005017 | | 68/2015 | 2313 | |
| | **Sub Total c/f** | **€7,749.33** | **€7,667.92** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€7,749.33** | **€7,667.92** | | | | | | | | | |


**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
Tel : (+356) 2137 2111 Fax : (+356) 2137 2555
Web page : www.pembroke.gov.mt
e-mail : pembroke.lc@gov.mt


Sindku Avv. D. Hili    Segretarju Eżekuttiv K. Borg

Viċi Sindku R. Lanzon    Kunsillier E. Vella Brincat    Kunsillier M. Causon    Kunsillier C. Cesare

Dok 3

**Approvati fis-Seduta Nru: 08/K7/2015**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti
**Data: 20/05/2015 sa 23/06/2015**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 377 | B. Grima & Sons. Ltd. | €154.29 | €154.29 | T | INV | Maintenance of various traffic signs | 03/06/15 | 10005017 | | 68/2015 | 2313 | |
| 378 | B. Grima & Sons. Ltd. | €124.77 | €124.76 | T | INV | Maintenance of various traffic signs | 03/06/15 | 10005017 | | 68/2015 | 2313 | |
| 379 | B. Grima & Sons. Ltd. | €286.20 | €286.20 | T | INV | Maintenance of various traffic signs | 03/06/15 | 10005017 | | 79/2015 | 2313 | |
| 380 | B. Grima & Sons. Ltd. | €184.28 | €184.28 | T | INV | Maintenance of various traffic signs | 03/06/15 | 10005017 | | 79/2015 | 2313 | |
| 381 | Christian Galea & Family | €1,638.76 | €1,638.76 | T | INV | Street sweeping - May 23 days | 11/06/15 | 33 | | | 3051 | |
| 382 | Christian Galea & Family | €2,970.00 | €2,970.00 | T | INV | Refuse collection - May 22 days | 11/06/15 | 34 | | | 3041 | |
| 383 | MicaMed Ltd. | €35,567.20 | €35,567.20 | T | INV | Replace lightings Site A Blk 5 - 11 | 12/06/15 | 41 | | 50/2015 | 7240 | |
| 384 | MicaMed Ltd. | €5,561.34 | €5,561.34 | T | INV | Replace lightings Site A Blk 5 - 11 (others) | 12/06/15 | 42 | | 97/2015 | 7240 | |
| 385 | Koptasin | €7.63 | €7.63 | T | INV | Road markings - Pietru Darmenia remove MC | 28/05/15 | 20865 | | 86/2015 | 2314 | |
| 386 | Paramount Coaches | €89.00 | €89.00 | K | INV | Hamis ix-Xirka activity transport | 30/04/15 | 10001473 | | 37/2015 | 2720 | |
| 387 | Mita | €4.97 | €4.97 | D | INV | Email account (EVB) Jan to Mar 2015 | 25/05/15 | 32093 | | | 3060 | |
| 388 | Mita | €833.69 | €833.69 | D | INV | Maintenance & Support - Jan to Jun 2015 | 18/05/15 | 31996 | | | 3060 | |
| 389 | Mita | -€9.94 | -€9.94 | D | INV | Refund re (AG + KR) email accounts | 07/04/15 | 1394 | | | 3060 | |
| 390 | MicaMed Ltd. | €28.50 | €28.50 | T | INV | Maintenance lampa Triq Patri I. Vella | 17/03/15 | 33 | | 33/2015 | 3010 | |
| 391 | MicaMed Ltd. | €58.90 | €58.90 | T | INV | Maintenance lampa Triq il-Mediterran | 17/03/15 | 34 | | 36/2015 | 3010 | |
| 392 | MicaMed Ltd. | €58.90 | €58.90 | T | INV | Maintenance lampa Triq FX Caruana | 17/03/15 | 31 | | 16/2015 | 3010 | |
| 393 | SZA Law Firm | €800.00 | €800.00 | T | INV | Legal Services - Jan to Apr 2015 | 22/05/15 | K0004C/2 | | | 3140 | |
| 394 | Romina Perici Ferrante | €384.00 | €384.00 | T | INV | Accountancy Services - April 2015 | 30/04/15 | 15/023 | | | 3160 | |
| 395 | Martin Stanmore | €25.00 | €25.00 | D | INV | Minuti binding | 15/05/15 | 74 | | 78/2015 | 3060 | |
| 396 | Signal & Security Ltd. | €128.01 | €128.01 | K | INV | May cash collection services | 31/05/15 | 2487 | | | 3060 | |
| | **Sub Total c/f** | **€48,895.50** | **€48,895.49** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€7,749.33** | **€7,667.92** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€56,644.83** | **€56,563.41** | | | | | | | | | |

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
Tel : (+356) 2137 2111 Fax : (+356) 2137 2555
Web page : www.pembroke.gov.mt
e-mail : pembroke.lc@gov.mt

Sindku Avv. D. Hili    Segretarju Eżekuttiv K. Borg

Viċi Sindku R. Lanzon    Kunsillier E. Vella Brincat    Kunsillier M. Causon    Kunsillier C. Cesare

**Approvati fis-Seduta Nru: 08/K7/2015**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

**Kunsill Lokali: Pembroke** **Skeda Nru 24 /2015**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 20/05/2015 sa 23/06/2015**

| | Fornitur | | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 397 | F. Zammit Nurseries | €35.00 | €35.00 | D | INV | Sympathy bouq - re Redwan Aghil | 01/06/15 | 16146 | | 96/2015 | 3180 | |
| 398 | TCTC Ltd. | €1,150.00 | €1,150.00 | D | INV | Ikids Course Agreement 2015 | 03/06/15 | 42735 | | 105/2015 | 3380 | |
| 399 | TCTC Ltd. | €25.96 | €25.96 | D | INV | Ikids Course leaflets distribution | 08/06/15 | 42738 | | 105/2015 | 3380 | |
| 400 | Lara Calleja | €131.40 | €131.40 | D | INV | May library services | 02/06/15 | 148 | | | 2995 | |
| 401 | Intercomp Marketing Ltd. | €80.17 | €80.17 | K | INV | May FSMA 7549 copies | 31/05/15 | 203521 | | | 2670 | |
| 402 | Floorpul Ltd. | €170.95 | €170.95 | K | INV | May council maid services | 05/06/15 | 15/05 | | | 3055 | |
| 403 | Albert Micallef Co. Ltd. | €76.70 | €76.70 | D | INV | Nature Trust Clean Up - 09/05/15 | 31/05/15 | 3552 | | 70/2015 | 3043 | |
| 404 | MicaMed Ltd. | €58.90 | €58.90 | T | INV | Maintenance lampa Triq il-Fortizza | 26/03/00 | 35 | | 89/2015 | 3010 | |
| 405 | MicaMed Ltd. | €71.25 | €71.25 | T | INV | Maintenance lampa Triq FX Caruana | 08/06/15 | 36 | | 91/2015 | 3010 | |
| 406 | MicaMed Ltd. | €71.25 | €71.25 | T | INV | Maintenance lampa Triq Mons. A Mifsud | 08/06/15 | 37 | | 56/2015 | 3010 | |
| 407 | MicaMed Ltd. | €42.75 | €42.75 | T | INV | Maintenance lampa Triq Patri I Vella | 08/06/15 | 38 | | 33/2015 | 3010 | |
| 408 | MicaMed Ltd. | €71.25 | €71.25 | T | INV | Mainteance lampa G Mitrovich | 08/06/15 | 39 | | 81/2015 | 3010 | |
| 409 | MicaMed Ltd. | €38.00 | €38.00 | T | INV | Mainteance lampa Tobruk | 08/06/15 | 40 | | 60/2015 | 3010 | |
| 410 | Vodafone | €52.00 | €52.00 | K | INV | May 79372111 - RED Plan | 01/06/15 | 4692159 | | | 2160 | |
| 411 | Marindex Ltd. | €160.00 | €160.00 | D | INV | Jum Pembroke mementos | 10/06/15 | 331 | | 100/2015 | 3370 | |
| 412 | GO plc | €18.52 | €18.52 | D | INV | 21372111 - May Business Talk 500 | 08/06/15 | 43799187 | | | 2150 | |
| 413 | GO plc | €2.06 | €2.06 | D | INV | 21372111 - May calls | 08/06/15 | 43799187 | | | 2160 | |
| 414 | GO plc | €15.58 | €15.58 | D | INV | 21372555 - June rent | 08/06/15 | 43799194 | | | 2150 | |
| 415 | GO plc | €1.01 | €1.01 | D | INV | 21372555 - May calls | 08/06/15 | 43799194 | | | 2160 | |
| 416 | Maltapost plc | €24.93 | €24.93 | D | INV | Fathers Day activity flyer distribution | 02/06/15 | LC_22 | | 98/2015 | 2640 | 12069 |
| | **Sub Total c/f** | **€2,297.68** | **€2,297.68** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€56,644.83** | **€56,563.41** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€58,942.51** | **€58,861.09** | | | | | | | | | |


**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
Tel : (+356) 2137 2111 Fax : (+356) 2137 2555
Web page : www.pembroke.gov.mt
e-mail : pembroke.lc@gov.mt


Sindku Avv. D. Hili — Segretarju Eżekuttiv K. Borg

Viċi Sindku R. Lanzon — Kunsillier E. Vella Brincat — Kunsillier M. Causon — Kunsillier C. Cesare

**Approvati fis-Seduta Nru: 08/K7/2015**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsill Lokali: Pembroke

Skeda Nru 25 /2015

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 20/05/2015 sa 23/06/2015**

| | Fornitur | | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 417 | DOI | €9.32 | €9.32 | D | INV | Advert re quote 01/2015 | 29/05/15 | na | | 93/2015 | 2940 | 12070 |
| 418 | DLG | €45.00 | €45.00 | D | INV | Advert re quote 01/2015 | 29/05/15 | na | | 92/2015 | 2940 | 12071 |
| 419 | MIB | €200.03 | €200.03 | D | INV | Traders Combined Policy - 01/07 - 30/09/15 | 11/06/15 | 152204 | | 102/2015 | 3030 | |
| 420 | MIB | €46.05 | €46.05 | D | INV | Grp Personal Accident Policy - 01/07 - 30/09/15 | 11/06/15 | 152205 | | 102/2015 | 3030 | |
| 421 | MIB | €14.06 | €14.06 | D | INV | All Risk Trade Policy - 01/07 - 30/09/15 | 11/06/15 | 152206 | | 102/2015 | 3030 | |
| 422 | MIB | €30.27 | €30.27 | D | INV | Electronic Equipment Policy - 01/07 - 30/09/15 | 11/06/15 | 152207 | | 102/2015 | 3030 | |
| 423 | JGC | €1,500.00 | €1,500.00 | K | INV | 2 safety gates fi Gnien 4 ta' Lulju | 31/05/15 | 138-15 | | 71/2015 | 7240 | |
| 424 | JGC | €1,500.00 | €1,500.00 | K | INV | 2 safety gates fi Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta | 31/05/15 | 138-15 | | 71/2015 | 7240 | |
| 425 | F. Zammit Nurseries | €40.00 | €40.00 | D | INV | Sympathy wreath ex Councillor Gerald V. Bilocca | 11/06/15 | 16196 | | 103/2015 | 3180 | |
| 426 | Charlie Mifsud | €1,353.75 | €1,353.75 | T | INV | May - Soft areas services - 19 days | 07/06/15 | 1132 | | | 3064 | |
| 427 | Charlie Mifsud | €179.95 | €179.95 | T | INV | Apr - Public convenince services (pro rata) | 07/06/15 | 1134 | | | 3053 | |
| 428 | Charlie Mifsud | €507.13 | €507.13 | T | INV | May - Public convenince services | 07/06/15 | 1135 | | | 3053 | |
| 429 | Charlie Mifsud | €1,227.88 | €1,227.88 | T | INV | May - Parks & gardens services | 07/06/15 | 1136 | | | 3061 | |
| 430 | Charlie Mifsud | €119.70 | €119.70 | T | INV | May - Parks & gardens services (MTA area) | 07/06/15 | 1137 | | | 3061 | |
| 431 | Charlie Mifsud | €1,353.75 | €1,353.75 | T | INV | May - Non urban services - 19 days | 07/06/15 | 1138 | | | 3052 | |
| 432 | Charlie Mifsud | €978.50 | €978.50 | T | INV | May - Bulk refuse services | 07/06/15 | 1139 | | | 3042 | |
| 433 | Romina Perici Ferrante | €384.00 | €384.00 | T | INV | May accountancy services | 30/05/15 | 15/029 | | | 3160 | |
| 434 | WasteServ Malta Ltd. | €1,099.60 | €542.08 | D | INV | May 1-15 tipping (Gov. Alloc./12=€ 13,010/12) | 01/06/15 | 57725 | | | 3043 | |
| 435 | WasteServ Malta Ltd. | €1,037.94 | €542.08 | D | INV | May 16-30 tipping (Gov. Alloc./12=€ 13,010/12) | 15/06/15 | 58038 | | | 3043 | |
| 436 | Il-Barri Restaurant | €277.50 | €277.50 | K | INV | Attivita' ghal Jum il-Missier | 23/06/15 | 65201 | | | 3360 | 12072 |
| | **Sub Total c/f** | **€11,904.43** | **€10,851.05** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€58,942.51** | **€58,861.09** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€70,846.94** | **€69,712.14** | | | | | | | | | |

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
Tel : (+356) 2137 2111 Fax : (+356) 2137 2555
Web page : www.pembroke.gov.mt
e-mail : pembroke.lc@gov.mt

Sindku Avv. D. Hili — Segretarju Eżekuttiv K. Borg

Viċi Sindku R. Lanzon — Kunsillier E. Vella Brincat — Kunsillier M. Causon — Kunsillier C. Cesare

**Approvati fis-Seduta Nru: 08/K7/2015**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsill Lokali: Pembroke

Skeda Nru 26/2015

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti
**Data: 20/05/2015 sa 23/06/2015**

| | Fornitur | | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 437 | Raphael Carabott | €425.00 | €425.00 | T | INV | May CM Fee | 01/06/15 | 14-14 | | | 3120 | |
| 438 | Infinite Fusion Technologies Ltd. | €666.70 | €666.70 | K | INV | Ins claim - Opiz multiuser intercom inc 5 4" units | 03/02/15 | 3734 | | 209/2014 | 3600 | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€1,091.70** | **€1,091.70** |
| **Sub Total b/f** | **€70,846.94** | **€69,712.14** |
| **Total** | **€71,938.64** | **€70,803.84** |

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
Tel : (+356) 2137 2111 Fax : (+356) 2137 2555
Web page : www.pembroke.gov.mt
e-mail : pembroke.lc@gov.mt

Sindku Avv. D. Hili

Segretarju Eżekuttiv K. Borg

Viċi Sindku R. Lanzon

Kunsillier E. Vella Brincat

Kunsillier M. Causon

Kunsillier C. Cesare

Approvati fis-Seduta Nru: 08/K7/2015

D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.

Dok 5

Dok 6

**Kunsill Lokali: Pembroke** **Skeda Nru 10 /2015**

# Skeda tad-Dħul bejn 20/05/2015 - 23/06/2015

| | Deskrizzjoni | Ammont tad-Dħul | Nru. tan-Nominal Account | Data | Nru. Tar-Riċevuta |
|---|---|---|---|---|---|
| 177 | K. Alden - Permess għall-High Up | €2.33 | 0065 | 19/05/15 | 4024 |
| 178 | K. Alden - Permess għall-High Up (2 stickers) | €2.00 | 0066 | 19/05/15 | |
| 179 | D. Farrugia - Permess għall-High Up | €2.33 | 0065 | 20/05/15 | 4025 |
| 180 | J. Desira - 2 stickers | €2.00 | 0066 | 20/05/15 | 4026 |
| 181 | I. Simon Valention - Permess għall-High Up | €2.33 | 0065 | 20/05/15 | 4027 |
| 182 | E. Vella - Permess għall-Krejn | €15.00 | 0065 | 22/05/15 | 4028 |
| 183 | S. Vella - Permess għal-open skip | €4.48 | 0065 | 23/05/15 | 4029 |
| 184 | S. Vella - Permess għal-open skip (1 sticker) | €1.00 | 0066 | 23/05/15 | |
| 185 | I. Mercieca - Permess għall-High Up | €15.00 | 0065 | 25/05/15 | 4030 |
| 186 | J. Micallef - Permess għall-High Up | €15.00 | 0065 | 25/05/15 | 4031 |
| 187 | Fixed Acc Bank Interest Received | €33.33 | 0091 | 20/05/15 | |
| 188 | M. Tellus - permess għal-open skip | €2.32 | 0065 | 27/05/15 | 4032 |
| 189 | M. Tellus - permess għal-open skip (1 sticker) | €1.00 | 0066 | 27/05/15 | |
| 190 | E. Mercieca - Permess għall-krejn | €15.00 | 0065 | 27/05/15 | 4033 |
| 191 | G. Bartolo Parnis - Permess għall-ladder high up | €10.00 | 0065 | 28/05/15 | 4034 |
| 192 | S. Hamid - Permess għal-BBQ | €6.99 | 0065 | 28/05/15 | 4035 |
| 193 | Attard Bros - Permess għall-High up | €15.00 | 0065 | 29/05/15 | 4036 |
| 194 | Attard Bros - Permess għall-High up (2 stickers) | €2.00 | 0066 | | |
| 195 | J. Schembri - Permess għall-High up | €15.00 | 0065 | 29/05/15 | 4037 |
| 196 | Regjun Nofsinhar - Feb 2015 (Inv 15/15) | €54.74 | 0063 | 01/06/15 | 4038 |
| 197 | Regjun Nofsinhar - Mar 2015 (Inv 20/15) | €53.53 | 0063 | | |
| 198 | Mercieca - Permess għall-High up | €15.00 | 0065 | 02/06/15 | 4039 |
| 199 | Desira - Permess għall-High up | €2.16 | 0065 | 03/06/15 | 4040 |
| 200 | Mercieca - Permess għall-High up | €15.00 | 0065 | 04/06/15 | 4041 |
| 201 | Mifsud - Permess għal-cherry picker | €15.00 | 0065 | 05/06/15 | 4042 |
| 202 | P. Graham - 2 parking dials | €1.16 | 0066 | 05/06/15 | 4043 |
| 203 | K. Mercieca - Permess għall-krejn | €15.00 | 0065 | 05/06/15 | 4044 |
| 204 | Mercieca - Permess għall-High up | €15.00 | 0065 | 08/06/15 | 4045 |
| 205 | V. Lia - Permess għall-High up | €15.00 | 0065 | 08/06/15 | 4046 |
| 206 | Boyd - Permess għal-open skip | €2.16 | 0065 | 09/06/15 | 4047 |
| | **Sub Total c/f** | **€365.86** | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€365.86** | | | |

## Seduta Nru: 08/K7/2015

Sindku Avv. Dean Hili

Viċi Sindku Raymond Lanzon

Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg

Kunsillier Evelyn Vella Brincat

Kunsillier Mark Causon

Kunsillier Charles Cesare

**Kunsill Lokali: Pembroke** **Skeda Nru 11 /2015**

# Skeda tad-Dħul bejn 20/05/2015 - 23/06/2015

| | Deskrizzjoni | Ammont tad-Dħul | Nru. tan-Nominal Account | Data | Nru. Tar-Riċevuta |
|---|---|---|---|---|---|
| 207 | Buttigieg - Permess ghall-krejn | €15.00 | 0065 | 15/06/15 | 4048 |
| 208 | MTA - Inv 17/2015 (Jan to Mar soft area cleaning) | €375.00 | 0066 | 15/06/15 | 4049 |
| 209 | MTA - Inv 28/2015 (3 bins installation) | €50.00 | 0066 | 15/06/15 | |
| 210 | Kunsill. Tonna - Permess ghall-High up | €15.00 | 0065 | 16/06/15 | 4050 |
| 211 | V. Farkos - Candy floss permit Jum Pembroke 2015 | €23.29 | 0065 | 17/06/15 | 4051 |
| 212 | J. Galea - Permess ghall-krejn | €15.00 | 0065 | 19/06/15 | 4052 |
| 213 | J. Galea - Permess ghall-krejn (sticker) | €1.00 | 0066 | 19/06/15 | |
| 214 | M. Miller - Permess ghall-attivita' | €6.99 | 0065 | 19/06/15 | 4053 |
| 215 | A. Camilleri - Permess ghall-krejn | €15.00 | 0065 | 20/06/15 | 4054 |
| 216 | M. Galea - Permess ghall-High up | €15.00 | 0065 | 22/06/15 | 4055 |
| 217 | Attivita' ghal Jum il-Missier (421-431, 15 persons) | €300.00 | 0066 | 22/06/15 | 4056 |
| 218 | HSBC - Fixed Acc Bank Interest received | €32.72 | 0091 | 20/06/15 | |
| | **Sub Total c/f** | **€864.00** | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€365.86** | | | |

## Seduta Nru: 08/K7/2015

Sindku Avv. Dean Hili

Viċi Sindku Raymond Lanzon

Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg

Kunsillier Evelyn Vella Brincat

Kunsillier Mark Causon

Kunsillier Charles Cesare